# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Revoka Numru : 744/2015/LSO**

**Wara mandat ta' sekwestru numru 1235/15 fl-ismijiet:**

**Gaetano Abdilla u martu Mary Abdilla**

**vs**

**Bianco Charles u Western Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Charles Bianco (ID. 44368(M)) u Western Company Limited (C 19994) datat 4 ta' Awwissu 2015 fejn espona: -

Illi l-esponent ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi fejn is-sekwestrant qieghed jikkawtela ammont ta' €116,871.62 bilanc ta' self u imghaxijiet kummercjali dovuti mis-sekwestranti flimkien lis-sekwestranti.

Illi l-esponent jirrileva umilment illi hemm lok li dan il-mandat jigi revokat *in toto* u anke lok ghal kundanna ta' hlas ta' penali fil-konfront tas-sekwestrant u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi mill-ewwel ghandu jinghad illi ser jirrizulta illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm self u allura ser jirrizulta illi dan il-mandat m'huwiex gustifikat anke *prima facie stante* li huwa bbazat fuq bazi legali u fattwali inezistenti.

Illi in effetti li gara kien illi l-esponent (li jahdem fost affarijiet ohra ta' *dealer* tal-karozzi) huwa kreditur ta' xi persuni li xtraw vetturi minghandu u fuq dan id-dejn gew mahruga numru ta' kambjali. L-esponent kien iggira dawn il-kambjali favur terza persuna.

Illi jrid jigi enfasizzat pero` li dan sehh iktar minn madwar tlettax-il snin ilu u *se mai* kwalunkwe pretenzjoni li s-sekwestrant jista' kellu kontra l-esponent ormaj hija

*altroche* preskritta. Jekk il-pretenzjoni, kif jirrizulta *prima facie* mill-mandat, hija "self allura hija preskritta *a tenur* ta' l-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi apparti minn hekk l-esponent qatt ma gie interpellat sabiex ihallas l-ammont li qed jigi pretiz mis-sekwestrant. Fil-fatt l-ahhar interpellanza saret permezz ta' ittra ufficjali ipprezentata fl-14 ta' Dicembru 2011. Minn dakinhar sal-lum qatt ma saret imqarr ittra interpellatorja. F'dan is-sens ghalhekk hemm anke lok ghall-kundanna ta' hlas ta' penali *a tenur* ta' l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12. Dan huwa aktar enfasizzat mit-trapass ta' zmien li jirrizulta evidenti u ghalhekk hija s-sottomissjoni tal-ezekutat li ghalkemm skont il-gurisprudenza nostrana din il-kundanna hija fakoltattiva, jezistu l-estremi tal-ligi f’ dan ir-rigward.

Illi fil-frattemp l-esponent qieghed isofri pregudizzju. L-esponent huwa negozjant u huwa anke *dealer* tal-karozzi. Bil-kontijiet kemm tieghu u kif ukoll tas-socjeta' tieghu Western Company Limited issekwestrati huwa ma jistax jiggestixxi n-negozju tieghu u qed isofri pregudizzju kbir.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru: 1235/15 fl-ismijiet premessi, u dan *a tenur* tal-artikoli l-artikoli 836(1)(b), 836(1)(d) u l-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi qabel ma gie intavolat il-mandat odjern ma saret l-ebda interpellanza ghall-hlas tal-ammont dovut fi zmien hmistax-il gurnata qabel il-prezentata tal-mandat u konsegwentement tordna l-hlas ta' penali *ai termini* tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fin-nuqqas, jekk il-Qorti thoss illi ma jippersistux ic-cirkostanzi li jimmeritaw l-akkoljiment tal-ewwel tliet talbiet allura tordna li-sekwestrant, *a tenur* tal-artikolu 838A tal-Kap 12 sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.

Bl-ispejjez.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' Settembru 2015.

Rat ir-risposta ta' Gaetano Abdilla (255MM) u martu Mary Abdilla (1057M) datata 19 ta' Ottubru 2015 (fol 14) fejn esponew :

1. L-esponenti <u>jopponu</u> ruhhom ghat-talba ta' Charles Bianco u Western Company Limited ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015. Dan peress li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, <u>li warajh sal-lum baqa' ma sar ebda depozitu minn flejjes tas-sekwestrati,</u> huwa l-uniku mod li ghandhom l-esponenti biex jikkawtelaw il-pretensjoni taghha kontra Bianco u Western Company Limited, liema pretensjonijiet diga' gew

dedotti b'kawza fl-ismijiet premessi pendenti quddiem din il-Qorti, kif presjeduta.

**Fatti**

2. L-esponent Gaetano Abdilla ghandu, flimkien ma' hutu, negozju tal-barrieri, u jaghmel ukoll negozju fil-proprjeta'.

3. Fis-sena 2000, l-awditur tal-kumpaniji tieghu Renald Micallef (illum avukat) kien talab lill-esponent jislef Lm30,000 (€69,881.20) lil klijenti ohra tieghu, ir-rikorrenti Charles Bianco u l-kumpanija tieghu Western Company Limited, b'imghaxijiet kummercjali. Skont ma Micallef kien qal lill-esponent, dawn kellhom bzonn il-flus ghan-negozju taghhom fil-bejgh tal-karozzi.

Sa dak iz-zmien, l-esponent ma kienx jafu lir-'rikorrent Charles Bianco, u sar jafu ghall-ewwel darba meta introducieh mieghu Dr. Renald Micallef.

5. L-esponent dak iz-zmien, b'fiducja f' Dr Micallef, kien accetta li jislef lir-rikorrenti l-flus li kellhom bzonn, b'imghaxijiet kummercjali.

6. Il-flus mislufa l-esponent ghaddiehom lil Dr Renald Micallef biex jghaddihom lir-rikorrenti, bi tliet cekkijiet datati 21 ta' Awwissu 2000 (kopja annessa, Dok. A). Dawn ic-cekkijiet issarrfu mill-istess Micallef fil-25 ta' Awwissu 2000.

7. Dak iz-zmien ma kienet saret ebda skrittura bejn il-partijiet. Biex iserrah mohh l-esponent, Dr Renald Micallef kien ha u zamm ghandu diversi kambjali li r-rikorrenti kellhom favur taghhom ghall-hlas ta' bilanci ta' prezzijiet ta' karozzi mibjugha minnhom, u liema ammonti kienu dovuti lilhom mit-terzi akkwirenti ta' dawn il-vetturi. L-arrangament bejn il-partijiet kien li, meta Charles Bianco jircievi l-hlas ta' dawn il-kambjali minghand it-terzi, jghaddi l-hlas lil Dr Renald Micallef, li jirritornalu l-kambjali mhallsa, u mbaghad Dr Micallef jghaddi dak l-istess hlas lill-esponent akkont tal-kapital misluf, u l-imghaxijiet. Il-hlas tad-drittijiet professjonali lil Dr. Micallef ghal dan l-inkarigu baqghu dovuti mir-rikorrenti.

8. Bejn is-sena 2000 u s-sena 2006, l-esponenti ircevew is-segwenti hlasijiet minghand Dr Renald Micallef f'isem ir-rikorrenti:

| | |
|---|---|
| 30 ta' Settembru 2000 | Lm332.18 |
| 30 ta' Novembru 2000 | Lm409.56 |
| 28 ta' Frar 2001 | Lm589.73 |
| 30 ta' April 2001 | Lm178.45 |
| 31 ta' Lulju 2001 | Lm510.94 |
| 31 ta' Lulju 2002 | Lm1636.06 |
| 28 ta' Frar 2006 | Lm9596.31 |
| 30 ta' Gunju 2006 | Lm1179.42 |

| | |
|---|---|
| 31 ta' Lulju 2006 | Lm92.42 |
| 31 ta' Awwissu 2006 | Lm92.42 |
| 30 ta' Settembru 2006 | Lm92.42 |

| | |
|---|---|
| 31 ta' Ottubru 2006 | Lm92.42 |
| 30 ta' Novembru 2006 | Lm92.42 |
| 31 ta' Dicembru 2006 | Lm92.42 (Dok. B) |

9. Fl-2006, Dr Renald Micallef laqqa' lill-partijiet fl-ufficcju tieghu, u fil-prezenza ta' kollega tieghu Hector Spiteri, informa lill-partijiet li ma kienx aktar dispost jamministra l-hlasijiet lura ta' dan is-self. B'ittra tal-1 ta' Marzu 2006 (Dok. C), Dr. Micallef gharraf lir-rikorrent Charles Bianco bis-somma li kien fadallu jhallas lill-esponenti. Din l-ittra l-esponent iffirmaha fil-prezenza tar-rikorrent Charles Bianco. Sussegwentement, Dr Micallef ikkonsenja l-kambjali li kien fadallu fil-pussess tieghu lill-esponent.

10. Bejn il-partijiet, qatt ma saret ebda skrittura ta' cessjoni ta' kreditu.

11. Wara Marzu 2006, ir-rikorrenti ghaddew b'kollox 7 pagamenti ohra lill-esponenti, u ghalkemni Charles Bianco verbalment kien impenja ruhu mal-esponent li jhallas il-bilanc sal-ahhar tas-sena 2006, baqghu ma hallsu xejn aktar.

12. Permezz ta' ittra ufficjali tal-14 ta' Dicembru 2011 (Dok. D), l-esponenti interpellaw lir-rikorrenti jhallsuhom il-bilanc tal-kapital u l-imghaxijiet sa dakinhar. Din l-ittra kienet notifikata fis-17 ta' Dicembru 2011, u b'nota responsiva tal-20 ta' Dicembru 2011 (Dok. E), ir-rikorrenti rrespingew din il-pretensjoni bhala infondata fil-fatt u fid-

dritt, minghajr ma taw ragunijiet ghalxiex ma kellhomx ihallsu dak mitlub.

13. Sal-lum, l-esponenti ghadhom ma gew notifikati b'ebda cedola ta' depozitu ta' flejjes appartenenti lir-rikorrenti wara dan il-mandat ta' sekwestru, u ghalhekk ghad m'ghandhom ebda garanzija ghall-hlas tal-ammont mitlub, u hekk dovut. L-ammont shih dovut illum jirrizulta mill-i*statement* anness (Dok. F).

14. Minn verifika li ghamlu l-esponenti mat-terzi debituri tar-rikorrenti fuq kambjali li ghadhom fil-pussess tal-esponenti, jirrizultalhom li r-rikorrenti rcevew huma, u zmien ilu, il-hlasijiet ta' dawn il-kambjali.

**Bazi Legali ghat-Talba taht l-Art. 836 tal-Kap. 12**

15. Ir-rikorrenti jibbazaw it-talba taghhom ghat-thassir ta' dan il-mandat fuq **l-art. 836(1) (b), (d) u (f)** tal-Kap. 12 ghal tliet ragunijiet:

(a) li ma kien hemm ebda self bejn il-partijiet, u jekk kien hemm self, it-talba ghall-hlas hija llum preskritta;

(b) ir-rikorrenti qatt ma gew interpellati jhallsu qabel sar dan il-mandat;

(c) dan il-mandat qed jaghmel hsara lir-rikorrenti ghaliex ma jistghux jiggestixxu n-negozju taghhom.

**Relazzjoni Guridika bejn il-Kontendenti**

16. Huwa immedjatament car li r-rikorrenti qed joqoghdu lura milli jaghtu spjegazzjoni legali ghar-relazzjoni taghhom mal-esponenti. Filwaqt li ma jichdux li rcevew flus minghandhom b'obbligi ta' rifuzjoni, huma jghidu li dan ma kienx self, u li *'li gara kien illi l-esponent (li jahdem fost affarijiet ohra ta' dealer tal-karozzi) huwa kreditur ta' xi persuni li xtraw vetturi minghandu u fuq dan id-dejn gew mahruga numru ta' kambjali. L-esponent kien iggira dawn il-kambjali favur terzapersuna'.*

Sussegwentement, imbaghad, ir-rikorrenti jghidu li *'Jekk il-pretensjoni, kif jirrizulta prima facie mill-mandat, hija 'self allura hija preskritta'.*

17. Kjarament, ir-rikorrenti qed jaghzlu li **jilaghbu bid-diskors** biex jaharbu mill-obbligi taghhom. Imkien ma semmew il-hlasijiet li ghaddew lill-esponenti fuq dan is-self, u mkien ma jghidu allura, jekk ma kienx self, x'kien il-kuntratt ta' bejniethom, li b'rizultat tieghu hadu Lm30,000 minghand l-esponenti, aktar minn 15-il sena ilu, u li fuqu effettwaw diversi hlasijiet ta' imghax, u parti zghira mill-kapital.

18. Kwantu ghall-preskrizzjoni, l-esponenti qed jannettu ma' dan ir-rikors il-prova tal-ahhar hlas li rcevew minghand ir-rikorrenti fil-31 ta' Dicembru 2006, flimkien mal-ittra ufficjali interpellatorja li pprezentaw fil-11 ta' Dicembru 2006, li kienet notifikata lilhom qabel ghalqu hames snin

mill-ahhar hlas effettwat minnhom. Ghalhekk, anke d-difiza bazata fuq l-art. 2156 minhabba fi preskrizzjoni hija infondata.

19. Kwantu ghall-ammont mitlub, l-esponenti elenkaw aktar 'il fuq l-ammont misluf originarjament, xi thallas u kif gew imputati l-hlasijiet, u l-bilanc dovut illum. Ghalhekk il-pretensjoni tal-esponenti tirrzulta *prima facie* gustifikata.

Kif inghad fid-decizjoni **Desmond Stanley Stuart** vs **Therese Mangion Galea** (Prim'Awla, 29.7.2005, citata fid-decizjoni **James Hawkins vs Seasus Ltd,** Prim'Awla, 8.10.2015), *"Il-htigijiet tal-ligi procedural: titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi ezegwit taht ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu."*

"'*Dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss li tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, owjament ghandha thalli* fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza." ***(P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited -*** *P.A. 10 ta' Mejju 2001; u* ***Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co.***

***Ltd** - P.A. 7 ta' Frar 2001)'* **(CMK Assets vs Beacon Limited et,** Prim'Awla, 15.9.2015).

B'hekk, il-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi huma lkoll sodisfatti.

**Interpellanza**

20. Mhux minnu li r-rikorrenti ma kinux jafu bil-pretensjoni tal-esponenti ghall-hlas, u lanqas ma huwa minnu li l-esponenti *ssorprendewhom* b'dawn il-mandat u l-kawza prezentati kontestwalment.

Il-verita' hija li l-esponenti ssaportew fuq li ssaportew, u stennew kemm felhu, biex ir-rikorrenti jersqu huma li jhallsu, minghajr proceduri gudizzjarji, li jfissru aktar spejjez. Issa, wara kwazi 9 snin, l-esponenti ma setghux jistennew aktar, u ma kellhomx triq ohra hlief li jmexxu b'din il-kawza.

21. Ir-rikorrenti kienu mgharrfa b'zewg interpellanzi separati, fuq medda ta' aktar minn hames snin, bil-pretensjonijiet tal-esponenti, l-ewwel b'ittra ta' Renald Micallef li kien it-terz intermedjarju li ghaqqad dan in-negozju, lura f’ Marzu 2006, u mbaghad bl-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2011. Certament, wara r-risposta legali tar-rikorrenti bl-ittra ufficjali responsiva, u wara li ghal kwazi erba' snin ohra baqghu ma hallsu xejn, l-esponenti ma kellhomx ghalfejn jergghu jinkorru l-ispiza ta' aktar interpellanzi, meta kien car li r-rikorrenti ma kinux ser

ihallsu dak dovut minnhom, u lanqas jiggarantixxu l-hlas, jekk mhux bi proceduri gudizzjarji.

**Pregudizzju lir-Rikorrenti**

22. Kif ga inghad, l-esponenti ma gew mgharrfa b'ebda depozitu li sar favur taghhom, wara s-sekwestru fl-ismijiet premessi, minn flejjes tad-debituri. Li jfisser li d-debituri rikorrenti m'ghandhomx flejjes depozitati mas-sekwestratarji, u jekk hu hekk, dan il-mandat mhux ta' pregudizzju ghalihom.

Inoltre, il-fatt li s-sekwestratarji, li huma l-banek principali f' Malta, m'ghandhomx flejjes tar-rikorrenti, jissostanzja l-biza' tal-esponenti li r-rikorrenti hadu hsieb hbew l-assi taghhom biex l-esponenti ma jkollhomx mod, jew minn fejn, jithallsu dak dovut lilhom fl-eventwalita' ta' gudizzju favorevoli ghalihom kontra l-istess rikorrenti.

23. Ir-rikorrenti lanqas ma offrew garanzija xierqa, u bizzejjed, minflok dan il-mandat, biex jiggustifikaw it-talba taghhom ghat-thassir tieghu. Dan juri bic-car kemm l-interess tar-rikorrenti huwa li jehilsu mill-effetti ta' dan il-mandat minghajr ma jipprovdu l-icken kawtela favur l-esponenti ghall-pretensjoni taghhom, b'mod li dawn jistghu jserrhu rashom li, f' kaz ta' gudizzju favorevoli ghalihom, ikunu jistghu jezegwixxu minghajr diffikulta'.

**Talba ghall-Hlas ta' Penali jew Garanzija ghall-Penali**

24. Lanqas ma tirrikorri f'dan il-kaz xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-art. 836(8) ghall-hlas tal-penali.

L-esponenti pprezentaw il-kawza fil-mertu, incidentalment appuntata ghat-3 ta' Novembru 2015 quddiem din il-Qorti kif presjeduta, kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru, wara l-interpellanza ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2011, li bir-risposta ufficjali tar-rikorrenti li segwietha, kristallizat il-kwistjoni bejn il-partijiet.

Bil-fatti kif fuq riportati, sostenuti bid-dokumentazzjoni rilevanti *prima facie* annessa, l-esponenti jidhrilhom li ggustifikaw kif misthoqq il-htiega tal-att kawtelatorju, u li ghandhom biza' gustifikata li r-rikorrenti qed jahbu l-assi taghhom biex l-esponenti jibqghu ma jithallsux.

Konsegwentement, la hemm lok illum ghall-hlas tal-penali, u lanqas jista' jkun hemm lok ghall-hlas taghhom fil-futur li jimmerita xi ghoti ta' garanzija fir-rigward *a tenur* tal-art. 838Atal-Kap. 12.

25. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, u ghall-hlas jew garanzija ghall-penali.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 10 ta' Dicembru 2015 (fol 37) fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tar-rikors minn Dr Malcolm Pace u minn Dr Pawlu Lia, liema trattazzjoni giet

registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet finali ghall-20 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1235/15 li nhareg mill-intimat ezukutanti Gaetano Abdilla biex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu kontra Bianco u Western Co. Ltd.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed jitolbu t-thassir ta' Mandat ta' sekwestru premess billi ssottomettew li ma kien hemm l-ebda self bejn il-partijiet, u ghalhekk dan il-mandat mhuwiex gustifkat *prima facie*. Inoltre jekk il-pretensjoni hija abbazi ta' self, gie sostnut li dan hu preskritt *ai termini* tal-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap 16, u gie sostnut ukoll li Charles Bianco qatt ma gie nterpellat hlief bl-ittra ufficjali tal-14 ta' Dicembru 2011 (fol 4 tal-process).

### Konsiderazzjoni ta' Dritt:

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b),(d), u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi:

*"**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor that dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal*

*kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti,*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att katelatroju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Ghalhekk dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **"Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et"**). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja

ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**L-Art. 836(1)(b)**

Din id-dispozizzjoni skont il-kliem uzat fiha, giet imfissra bhala referenza ghal xi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju li kienet tezisti filwaqt tal-hrug tal-istess Mandat, ma baqghetx tezisti izjed. Ghalhekk, jekk wiehed irid jimxi ma' tali tifsira, wiehed irid juri li l-htiega ghall-hrug tal-Mandat trid tkun naqset wara li nhareg l-att.

Illi l-htigijiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi zmien preskritt wara) ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.

Fil-kaz in ezami, jigi ritenut, li r-rikorrent ma ndikax li wiehed minn dawn il-kweziti rikjesti mil-ligi huwa nieqes u

lanqas jirrizultalha tali kwezit mill-atti ezebiti. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta l-ewwel raguni migjuba mir-rikorrent.

**L-Artikolu 836(1)(d)**

Fil-kawza **"Casino-For-Me limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L.) 5 ta' Settembru 2008 inghad li bid-disposizzjoni tal-artikolu 836 (1)(d) dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrent sostna li l-mandat in kwistjoni mhuwiex gustifikat *stante* li huwa bbazat fuq bazi legali inezistenti. Huwa jakkampa fuq il-fatt li l-allegat self m'ezistiex bejn il-partijiet *stante* li Charles Bianco bhala *dealer* tal-karozzi kien kreditur ta' xi nies li xtraw vetturi, u ggira l-kambjali fuq terza persuna, certu Dr. Ronald Micallef. Ir-rikorrent kwindi sostna li d-dokumenti tal-allegati hlasijiet li saru lill-intimat mhumiex pagamenti mir-rikorrent ghall-intimat. Mill-atti li ghandha quddiemha l-Qorti ma jirrizultax li ntwera mir-rikorrent li l-ammont pretiz mhux *prima facie* gustifikat jew li ma hemmx il-*fumus juris* mitlub mil-legislatur. Da parti taghhom tqis li l-intimati rnexxielhom jippruvaw almenu b'mod *prima facie*, anke minn dak sostnut fir-risposta, li saru diversi pagamenti minn Dr Renald Micallef. Ghalhekk, jigi dedott li l-intimati ghandhom pretensjoni kawtelabbli.

Referibbilment ghall-ahhar subinciz iccitat mir-rikorrent l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-disposzizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug ta' mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhbba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh*. " (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) ta' Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem testwali tad-dispozzizzjoni imsemmija.

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab initio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat.

Ma jirrizultax li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jista' jwassal ghar-revoka tal-mandat abbazi ta' dan l-artikolu u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud billi ma hemmx raguni valida biex izzomm lill-intimat milli jikkawtela l-kreditu pretiz b'kull mezz permess bil-ligi.

Illi ghalhekk, il-Qorti ser tichad it-talba ghal revoka tal-mandat billi l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-artikolu 836(10(b)(d)(f) ma jirrizultawx.

**L-artikolu 836 (8)(b) tal-Kap 12**

Illi saret talba wkoll sabiex is-sekwestranti jigu kkundannati ihallsu penali abbazi tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12. L-Artikolu 836 tal-Kap 12 gie emendat permezz tal-att XXIV tal-1995.

**L-artikolu 836 (8) (b) jipprovdi**:

*"jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju, kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed*."

"*Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug ta' mandat."*

Il-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minabarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A. (TM) – 13 ta' Marzu

2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. Vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, mghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*"Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-*

*hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hatighad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), that ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ir-rikorrenti ndika li qed jinvoka specifikament is-subinciz (b) tal-artikolu 836(8). Illi jigi ritenut li din il-Qorti sabet li l-intimati ppruvaw *prima facie* li kellhom raguni ghall-mandat u ghalhekk teskludi li agixxew b'mod fieragh u vessatorju. Illi ghalkemm, ma jirrizultax li saret interpellanza ohra sussegwentement ghall-ittra ufficjali esebita a fol 4 datata 14 ta' Dicembru 2011 izda lanqas jirrizuta li s-sekwestrat kien biddel l-atteggjament tieghu lejn il-kreditur pretiz. Il-pagamenti li saru kienu ftit wisq u ma hemm xejn li jinduci lill-Qorti biex tahseb li kien, jew kellu jkun sorpriz bil-hrug tal-mandat.

Ghalhekk issib li anke din it-talba ghandha tigi michuda .

**Artikolu 838A – Garanzija**

Ir-rikorrenti, fit-tielet talba talab li l-intimati jigu ordnati jaghtu garanzija idonea sabiex jaghmlu tajjeb ghal spejjez u danni li jistghu jigu sofferti, kemm-il darba ma jigix imhassar il-mandat ta' sekwestru.

Din it-talba hija maghmula fit-termini tal-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba ta' thassir tal-mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. (Ara **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** – P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahlu fil-ligi ghalxejn.

Fil-kaz **"Charles Darmanin et vs Albert Cachia et",** P.A., - (JRM) 31 ta' Lulju 2007 gie ritenut:

*"Il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu (l-artikolu 838A). irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili."*

Fil-kaz **"Avukat Vincent Falzon noe. Vs Alex Sullivan"** – P.A. (GC) 2 ta' Marzu 2001, intqal li: "d-*danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug ta' att kawtelatorju", u diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. U minbarra hekk, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna*

*ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess mandat.* (Ara **"Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd."-** P.A. (TM) – 13 ta' Marzu 2003.

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000):-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra(r-rikorrenti mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l- hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta….."*

Issa fil-kaz in ezami, diga gie deciz li l-mandat ma ntalabx abbuzivament, u lanqas mhu vessatorju. Ma jidhirx li l-intimat mghandux *prima facie* bazi guridika fuq x'hiex seta' jagixxi. Is-somma kawtelata ma tidhirx li hi ingustifikata u vessatorja tenut kont li l-intimati agixxew in kawtela tal-pretensjonijiet taghhom u ma jidhirx li qed isir abbuz f'dan l-istadju mill-istess procedura. Ghalhekk, ma jidhirx li hemm lok li tigi imposta garanzija skont l-artikolu 838A tal-Kap 12.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tichad it-talbiet kif dedotti** ghar-ragunijiet spjegati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Jannar 2016**